MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Numru. 616/2000
Kawza Numru. 5

**Il-Pulizija**
**Assitent Kummissarju Neil Harrison**

**vs**

**Spiridione Vella**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Spiridione Vella ta' 36 sena, iben Alfred u Catherine nee' Sammut, imwieled Hamrun fit-22 ta' Ottubru 1963 u residenti 45, Triq Cameron, Gzira u detentur tal-karta tal-identita' numru 564963(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F' dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Settembru 2000, u fl-ahhar 6 xhur qabel dina d-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:-

a) Ikkonsenja medicina ristretta u psikotropika (ecstasy), lil xi persuna ohra li ma' kienx spizjar diligenti jew ma' kienx xort'ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu dik il-medicina bi ksur tar-regolament 10 (2) tal-avviz legali 22 tal-1985 kif sussegwentement ammendat u 40 A u 120 A u t-tielet skeda tal-ordinaza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985, kif sussegwentement ammendati,

aa) Biegh jew offra li jbiegh droga ristretta u psikotropika (estacy), kontenenti s-sustanza (methyl enedioxymethsamphetamine) li hija kkonhtrollata u ristretta bil-ligi that it-tielet skeda parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma' kellu l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

b) Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy), meta ma' kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-avviz legali 22 tal-1985 kif sussegwentement ammendat u 40 A u 120 A u t-tielet skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif ammendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma' kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ikkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' 100 metru minn perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh, bi ksur tal-artikolu 120 A (2) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma propjeta tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort' ohra tiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli,

Il-Qorti kienet mitluba, sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli sar recediv skond l-Art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza mghotija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 21/7/1986 – Awla A.

Rat l-Ordni tal-Avukat General esebit a fol. 10 tal-process u datat 4 ta' Settembru 2000 fejn ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap.31) ordna li l-imputat Spiridione Vella jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Kontr-Ordni esebit a fol. 253 tal-process datata 3 ta' Gunju 2002 fejn ai termini tas-subartikolu (2C) tal-Artikolu 120A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap.31) kif ukoll bis-sahha tal-artikolu 31 tal-Kapitlu 101 l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti fil-kompetenza surreferita sabiex iwiegeb ghall-akkuzi mahruga fil-konfronti tieghu taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fl-udjenza tal-4 ta Settembru 2000 l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu. Rat ukoll li fl-udjenza tat-12 ta' Settembru 2000 l-imputat irtira l-ammissjoni tieghu u wiegeb li mhux hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Semghat il-provi ;

Rat is-Social Inquiry Report imhejji fil-konfronti tal-imputat u nserit a fol. 358 et sequitur tal-process.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-3 ta’ Settembru 2000 saret tfittxija fir-residenza tal-imputat fil-fond 45, Cameron Street, Gzira fejn kien hemm l-imputat u certu Jeffrey Turner fejn instabet borza b’hames mija u disa’ u disghin (599) pillola suspettati li kienu ectasy. Dawn il-pilloli kienu mqassmin fi tnax (12) il-borza u kull borza kien fiha hamsin (50) pillola hlief ghal borza wahda li kien fiha disa u erbghin (49) pillola. L-imputat irrilaxxja stqarrija lil Pulizija (inserita a fol. 29 sa 31) fejn huwa ammetta mal-Pulizija li l-pilloli kolllha li nstabu fir-residenza tieghu kienu jappartjenu lilu u lil hadd aktar. Huwa qal ukoll li madwar xahar u nofs qabel kien xtara tmien mitt (800) pillola ectasy ghall-prezz ta’ Lm4.25 il-wahda u li minn dawn il-pilloli kien fadallu hames mija (500). Huwa spjega wkoll li kien qassam il-pilloli li xtara f’boroz ta’ hamsin (50) pillola kull wahda u kien lahaq biegh tlett mitt (300) pillola mill-pilloli li kien xtara. Huwa qal li kien bieghhom bil-prezz ta’ Lm5 kull pillola bil-patt u kundizzjoni li min jixtri irid jixtri hamsin (50) pillola f’daqqa. Huwa qal ukoll li din ma kienitx l-ewwel darba li kellu fil-pussess tieghu pilloli ecstasy u spjega li kien ilu jbiegh minn dawn il-pilloli ghal madwar sitt (6) xhur. L-ewwel darba kien xtara mitt (100) pillola ghall-prezz ta’ Lm4.75 il-wahda u kien bieghhom ghall-prezz ta Lm5.25 il-wahda, it-tieni darba kien xtara mitejn (200) pillola ghall-prezz ta’ Lm4.50 il-wahda u kien bieghhom Lm5 il-wahda. It-tielet darba kien xtara tmien mitt (800) pillola li hames mija u disgha u disghin minnhom sabuhom il-Pulizija fir-residenza tieghu waqt ir-raid li sar fit-3 ta’ Settembru 2000. L-imputat qal lil Pulizija li huwa stess kien jiehu l-pilloli ectasy u fil-weekend gieli ha seba’ pilloli f’lejl wiehed. Huwa kien jiehu mill-pilloli li kien qassam fil-

boroz u mbaghad meta jbiegh il-borza inaqqas il-prezz skond kemm ikun ghad fadal pilloli fil-borza. Huwa kkalkula li mill-mitejn (200) pillola li kienu naqsu mill-ammont ta’ tmien mija (800) li kien xtara kien ha madwar sebghin (70) pillola u biegh il-bqija. Huwa rrifjuta li jisvela l-identita’ tal-persuna minghand min kien xtara l-pilloli izda qal li t-tlett kunsinji kien xtrahom minghand l-istess persuna. Huwa ma riedx jisvela lil min kien qed ibiegh il-pilloli izda svela biss l-isem ta’ persuna li kien xtara hamsin (50) pillola minghandu u baqa’ ma hallsux. Waqt it-tfittxija fir-residenza tal-imputat instabet is-somma globali ta’ Lm1,246.

Waqt l-udjenza tat-3 ta’ Novembru 2000 xehed l-espert tal-Qorti il-Perit Valerio Schembri li kkonferma li l-fond fejn instabu l-pilloli ectasy kien 47.71 il-metru l-boghod mill-bieb tal-entratura tac-Centru Laburista tal-Gzira u ghalhekk f’distanza ta’ anqas minn mitt (100) metru.

L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 382 sa 389 u 397 et sequitur) fejn huwa kkonferma li s-sitt mitt (600) pillola ectasy li nstabu fir-residenza tieghu kienu jappartjenu lilu u qal li f’dak il-perijodu huwa kien ghaddej minn mument hazin minhabba problemi mat-tfajla u kellu dipendenza kbira fuq il-pilloli ectasy. Huwa ma qalx minghand min kien xtara l-pilloli izda sostna li kien qal lil-Ispettur l-ismijiet tan-nies minghand min kien xtara dawn il-pilloli izda ma riedx jindika dawn l-ismijiet fl-istatement. Huwa ammetta wkoll li kien biegh xi pilloli ectasy lil terzi izda qal li dawn kienu fi kwantitajiet zghar ghaliex il-magguranza hadhom hu. L-imputat spjega wkoll li huwa kellu problemi fi tfulitu minhabba s-separazzjoni ta’ ommu u missieru u sussegwentement kellu wkoll zwieg li falla. In kontro-ezami l-imputat indika xi laqmijiet ta’ nies li jaf li jbieghu d-droga izda qal li m’huwiex lest li jixhed fil-konfronti taghhom. Fl-udjenza sussegwenti huwa gie muri xi ritratti li gew esebiti in atti fejn identifika lin-nies li kien ghamel referenza ghalihom fl-udjenza precedenti.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kellu fil-pussess tieghu kwantita' sostanzjali ta' pilloli ectasy li ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu u li huwa biegh u traffika dawn l-istess pilloli. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda ta' PC 579 Antoine Micallef, kif ukoll minn dik ta' PC 1013 Raymond Debono u PC 536 Jason Caruana li lkoll xehdu waqt l-udjenza tat-12 ta' Settembru 2000 fejn ikkonfermaw li kienu sabu il-599 pillola ectasy mohbijin wara d-diski fil-kamra tas-sodda tal-imputat, izda jirrizulta anki mill-istqarrija u mix-xhieda tal-istess imputat fejn huwa indika kemm kien xtara pilloli, kemm ikkonsma huwa stess min dawn il-pilloli u kemm biegh minnhom u li huwa kien biegh dawn il-pilloli ghall-profitt. L-aggravju li l-imputat ikommetta dawn ir-reati f'distanza ta' anqas minn mitt mettru minn klabb jew centru fejn jiltaqghu iz-zghazagh jirrizulta wkoll mir-rapport tal-espert tal-Qorti l-Perit Valerio Schembri. Anki l-aggravju tar-recidva jirrizulta pruvat mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi d-Difiza qed issostni li f'dan il-kaz ghandu jigi applikat l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 stante li l-imputat ta nformazzjoni utli lil Pulizija. L-Artikolu 29 tal-Kap. 101 jipprovdi s-segwenti:-

"*Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna*
*tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li*
*jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif*
*intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun hekk*
*ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar prigunerija, bi grad*
*wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs*."

Il-Qorti taqbel ma’ dak sottomess mill-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-applikabilta’ tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 fil-konfronti tal-imputat u cioe’ li huwa m’ghandux jibbenefika mir-riduzzjoni fil-piena provduta fl-imsemmi Artikolu stante li huwa effettivament ma provda l-ebda nformazzjoni dwar minghand min kien xtara d-droga jew informazzjoni ohra utli li waslet ghall-arrest u ghall-prosekuzzjoni ta’ terzi. Meta rrilaxxja l-istqarrija l-imputat fil-fatt irrifjuta li jipprovdi nformazzjoni dwar  minghand min kien xtara d-droga jew lil min kien bieghha. Huwa provda biss isem ta’ persuna li kien xtara d-droga minghandu u li kien ghadu ma hallsux. L-imputat ghazel li jindika xi nformazzjoni dwar persuni li jbieghu id-droga biss ghaxar snin wara li nbdew dawn il-proceduri fil-konfronti tieghu u l-Qorti taqbel li din l-informazzjoni f’dan l-istadju difficilment tista’ tkun utili sabiex jittiehdu proceduri fil-konfronti ta’ dawn il-persuni. Il-Qorti jidrilha li l-Artikolu 29 huwa ntiz sabiex persuna li tkun ghenet lil Pulizija billi provdiet informazzjoni utli li twassal sabiex jinbdew proceduri fil-konfronti ta’ terzi persuni izda jidrilha wkoll li l-imsemmi Artikolu certament li m’huwiex intiz sabiex persuna tuzah ghall-iskopijiet taghha billi tipprovdi nfomazzjoni meta jidrilha u jaqblilha hi, kif qed jaghmel l-imputat fil-kawza odjerna meta qed jiprovdi nformazzjoni li ma tistghax tkun utli lil Pulizija ghaliex qed tinghata wisq zmien wara li graw l-affarijiet. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-imputat m’ghandux jibbenefika mit-tnaqqis fil-piena li jipprovdi l-Artikolu 29 tal-Kap. 101.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ikkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet izda kkunsidrat ukoll il-kwantita’ konsiderevoli ta’ droga li nstabet fil-pussess tal-imputat u li huwa kien diga’ biegh u kien ser ibiegh bi pofitt u ghalhekk jidrilha li m’ghandhiex tapplika piena fil-minimum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 5(1) u 10(2) tal-AL 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat, l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 u l-Artikoli 49, 50, 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-

konfronti tieghu u tikkundannah erba’ (4) snin prigunerija u multa ta’ tlett elef u hames mitt (€3,500).

Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tas-somma ta’ Lm1,246 liema ammont gie misjub fir-residenza tal-imputat fit-3 ta’ Settembru 2000 u liema ammont gie esebit f’dawn l-atti waqt l-udjenza tat-12 ta’ Settembru 2000 (Dok. NC2).

Il-Qorti inoltre tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga kollha esebita f’dawn l-atti liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizzjoni tar-Registratur tal-Qorti.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Regsitratur tal-Qorti s-somma ta’ elf tlett mija u tmienja u tletin ewro u tlettax-il ewro centezmu (€1338.13) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------